**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 09/18**
**Data:** Il-Ħamis, 2 ta' Awwissu 2018
**Ħin:** 6:30pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Stephanie Fenech - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skuzati**
Dorcas Camilleri - Kunsillier
Claude Camilleri - Kunsillier
Joseph Hales - Kunsillier

**AĠENDA**

**09.01** **Qari tal-ittri ta' apologiji**
**09.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**
**09.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**
**09.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**09.05** ***Parvis* SanGirgor**
**09.06** ***Tenders***
**09.07** **Xogħlijiet fi Triq Bormla u Triq Ħal Tarxien**
**09.08** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**
**09.09** **Affarijiet ohra; u**
**09.10** **Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

**09. 1.** **Qari tal-ittri ta' apologiji**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 1. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Camilleri D ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba mard (ittra annessa) | |
| 09. | 1. | 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Camilleri C ma setax jattendi għal laqgħa minħabba xogħol (ittra annessa) | |
| 09. | 1. | 3 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa minħabba laqgħa oħra li kienet diġa skedata mal-Kumitat Festi Nazzjonali (ittra annessa) | |

**09. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | 2 | 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Caruana | Il-Minuti 08/18 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet. | |
| 09. | 2. | 2 | 08.09.17 | Agius | Tiżdied mal-binjiet tal-Gvern li x-xogħol fuq il-flats. | |
| 09. | 2. | 3 | 08.09.02 | Chircop | Tiżdied <u>u</u> wara qabel il-Kalanka. | |
| 09. | 2. | 4 | 08.09.19 | Viċi-Sindku | Id-dati huma 20 u 22. | |
| 09. | 2. | 4 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**09. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 2 | 5 | 08.09.18 | Viċi-Sindku: *Youths@Local* | Il-Viċi-Sindku qalet li l-attivita' saret fi Ġnien Luqa Briffa u kienet suċċess. Saret preżentazzjoni dwar l-attivitajiet li saru matul dawn l-aħħar 17 -il sena u ġie ppreżentat il-logo il-ġdid. Irrimarkat li hemm nuqqas ta' dawl. Ġie maħdum stħarriġ sabiex tibda tinġabar l-informazzjoni. | Viċi-Sindku |
| 09 | 2 | 6 | 08.03.01 | Caruana: *Pelican lights* fir Triq il-Labour u Triq l-Isqof Emm. Galea | Caruana ippropona li dawn għandhom isiru bil-*Pelican Lights* flok *Zebra Crossings*. Is-Sindku qalet li l-applikazzjoni diġa saret lill-*TM* u l-proċess dwar dan miexi. | Sindku |
| 09 | 2 | 7 | 08.03.02 | Caruana: Tħawwil ta' Siġar | Caruana staqsa fiex wasal il-proċess dwar tħawwil ta' siġar. Is-Sindku qalet li ser ssir laqgħa nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Awwissu mal-Għaqda Siġar Maltin biex niddiskutu kif ser naħdmu flimkien fuq dan il-proġett ta' tisbiħ. | Caruana |
| 09 | 2 | 8 | 08.06.01 | Agius: Zejt Iz-Zejtun 18 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed jitfasslu t-*tenders* għal-*areas* tal-barijiet li jintramaw f'Misraħ ir-Repubblika, San Girgor u ż-żewġ areas f'Misraħ Wistin Abela. Qal li sar kemm il-darba tentattiv sabiex issir laqgħa mal-Grupp tal-Armar iżda baqgħu qatt ma tawna risposta lura. Iltqajna ma' kumpanija sabiex isir *Health and Safety assesment*. Ġie rrimarkat sabiex fuq il-mappa informattiva, tiżdied l-akkwata fejn ikun hemm l-ambulanza u *First Aid*. | Agius / Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 2 | 9 | 08.09.01 | Sindku: Rilokazzjoni ta' siġar | Is-Sindku informat lill-Kunsill li dawn is-siġar ġew rilokati f'Santa Luċija u l-*barracks* flok kif kien miftiehem. | Sindku |
| 09 | 2 | 10 | 08.09.08 | Agius: Boroż tar-riċiklaġġ | Informat lill-Kunsill li t-tqassim sar pero qed ikollna problema li l-ammont ma jserviex. | Agius |
| 09 | 2 | 11 | 08.09.09 | Agius: Korsijiet għat-tfal | Agius qalet li l-korsijiet bdew pero kellna ftit inqas konkorrenza minħabba Skola Sajf. | Agius |
| 09 | 2 | 12 | 08.09.12 | Agius: *Harbour Cruise* | Agius informat lill-Kunsill li din l-attivita' tħassret. | Agius |
| 09 | 2 | 13 | 08.09.13 | Agius: *Etnaland* | Agius qalet li din l-attivita' saret u kienet suċċess. | Agius |
| 09 | 2 | 14 | 08.09.15 | Agius: *Solar Cinema* | Agius qalet li din l-attivita' saret u kienet suċċess. | Agius |
| 09 | 2 | 15 | 08.09.19 | Viċi-Sidnku: *Camping* | Informat lill-Kunsill li dan sar u kien suċċess. | Viċi-Sindku |
| 09 | 2 | 16 | | Chircop: Lejla għal-Eroj | Chircop qal li l-attivita' saret u kien hemm attendenza tajba fejn saret il-kompetizzjoni | Chircop |
| 09 | 2 | 17 | | Chircop: Bolol | Chircop qal li nħarġu 1000 bolla fis-16 ta' Lulju u ġew mibjugħa kollha. | Chircop |
| 09 | 2 | 18 | | Chircop: Niċċa ta' San Ġużepp | Chircop informa l-Kunsill li r-rapport issa lest u x-xogħol ta' restawr fuq in-niċċa jista' jibda. | Chircop |

**09 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/18. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 1 | 02 | LCA | Dwar dan ma kienx hemm qbil minħabba biża' li jistgħu jinħarġu boroż suwed bi skart ieħor meta jsir il-ġbir tal-ħwejjeġ. | |
| 09 | 3 | 2 | 05 | LCA | L-avviż li għandu jitwaħħal meta jinħareġ permess irid ikun dak provdut minn *TM* u għandu jitwaħħal jumejn qabel. | |
| 09 | 3 | 3 | 07 | MJCL | Ġie maqbul li nieħdu sehem fl-inizjattiva u jiġu mixgħula l-binja tal-Kunsill u r-reflectors ta' wara l-knisja. Dwar dan għandna nitolbu permess lill-arċipriet. | |
| 09 | 3 | 4 | 17 | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li fl-aħħar laqgħa li saret infurmawna li l-interessi mhux ser jibqgħu jakkumulaw pero trid titħallas is-somma tal-fuq minn €96,000. Ser isir kuntatt mal-avukat sabiex din tiġi appellata. | Segretarju Eżekuttiv |

**09. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**09. 5. Parvis SanGirgor**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09 5 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ġejna avviċinati mill-Perit Reuben Abela dwar proposti eżistenti għal din l-*area* f'każ li jsir applikazzjoni għall-fondi. Saret disskussjoni u kien hemm qbil li jsir xi tibdil fil-pjanti minħabba l-problema tal-*parking*. | |

**09. 6. *Tenders***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09 6 1 | | Sindku: *Accountant* u Tisbiħ ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten | Bħalissa qed isir l-adjudication tas-sottomissjonijiet li saru li kienu 10 għat-Tisbiħ ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten u 6 għas-servizz ta' *accountant.* | |
| 09 6 2 | | Tender: Ġbir ta' Skart Bieb Bieb | Dan it-*tender* qed jiġi finalizzat u għandu jinħareġ dalwaqt. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 6 3 | | Tender: Sqaqin | Ser jinħareġ *tender* għal kubetti u *printed concrete.* | Segretarju Eżekuttiv |

**09. 7. Xogħlijiet fi Triq Bormla u Triq Ħal Tarxien**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Sindku: Triq Bormla | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mas-sinjuri Noel Gauci, David Vassallo u Lawrence Darmanin u qalulna li x-xogħol ser jieħu madwar 9 xhur. Bħalissa qed isir it-tħaffiergħas-servizzi tal-ilma, fl-ewwel fażi, kif ukoll fit-tieni fażi li ser ikun fuq il-parti tat-triq miż-Żejtun għal-Ħaż-Żabbar ser isir ukoll xogħol tal-ilma u drenaġġ kif ukoll din il-parti tat-triq ser tkun parti pedonali u parti oħra għar-roti. *Infrastructure Malta* assigurawna li dwar is-siġar taċ-Ċawsli ser jimxu fuq il-pariri li ingħatjna mill-*Plant Helath Directorate* fliwaqt li ser niġu mogħtija madwar 20 siġra oħra taċ-Ċawsli biex jieħdu post dawk li mietu. Issemiet il-problema tat-trasport pubbliku u wasalna għal soluzzjoni biex jillixaw biċċa mit-triq biex jagħmlu aċċess biex jinqeda l-pubbliku. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Sindku: Triq Ħal Tarxien | Is-Sindku informat lill-Kunsill li ser isir wiċċ bit-*tarmac* u x-xogħol mistenni li jieħu madwar żewġt iljieli. | Sindku |
| | | | | Sindku: Vjal il-25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li ntagħlbet *BOQ* u din għaddiet għand TM. | Sindku |

**09. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 8 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 07/18 | Il-Kunsill approva *nem.con.* li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 8 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 09/18 | Il-Kunsill approva *nem.con*. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 8 | 4 | | Petty Cash - Ġunju u Lulju 2018 | Il-Kunsill approva *nem.con*. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ġunju u Lulju hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €149.14 u €194.77. | Segretarju Eżekuttiv |

**09 9 Affarijiet ohra; u**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 9 | 1 | | Sindku: *Miss Universe Malta* | Is-Sindku qalet li is-Sinjorina Francesca Mifsud ġiet mistiedna l-Kunsill fejn ġew diskussi l-impenji li għandha u dwar il-finali li ser issir t-Tajlandja. Ġie diskuss li għadha tinħoloq kampanja dwar l-indafa. Agius żiedet li ġiet mistiedna waqt Festa Sajf fejn ser tingħata tifkira. | Sindku / Agius |
| 09 | 9 | 2 | | Sindku: Ġnien il-Kmandant | Is-Sindku informat lill-Kunsill li l-Onor. Herrera bagħat żewġ persuni biex iħejju rapport dwar l-istat tal-ġnien. Dwar dan s'issa ma smajna xejn iktar. | Sindku |
| 09 | 9 | 3 | | Caruana: Arbli f'Misraħ il-Bjar | Caruana issuġerixxa li jitneħħew l-arbli dekorattivi li hemm u jsiru *floodlights* minflokhom. Il-Kunsill qabel ma' dan. | Caruana |
| 09 | 9 | 4 | | Caruana: *One-Way* Triq Ħal Bisbut | Caruana ippropona li Triq Ħal Bisbut tiġi *One-Way* minn naħa ta' isfel. Dwar dan ġie issuġerit li għandu jsir Traffic Management tal-akwata kollha. | Hales |
| 09 | 9 | 5 | | Agius: Bankina fi Triq San Girgor | Agius infurmat lill-Kunsill li waslilha ilment dwar bankina fi Triq San Girgor. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li marru fuq il-post u ma jidhirx li hemm xi problema bix-xogħol li sar. | Agius |
| 09 | 9 | 6 | | Agius: *Zebra Crossing* fi Triq il-Madonna tal-Ħniena | Staqsiet għalfejn ġiet imneħħija. Dan minħabba li l-post li kienet fih huwa perikoluż peress li jsuqu fuqha il-karozzi kif joħorġu mill-parkeġġi. | Agius |
| 09 | 9 | 7 | | Agius: Ħarġa għal Għawdex | Agius infurmat lill-Kunsill li ser issir l-attivita' għal fl-10 ta' Awwissu. | Agius |
| 09 | 9 | 8 | | Agius: Ġurnata għal Sqallija | Agius informat lill-Kunsill li ser isir ġurnata għal Sqallija fit-18 ta' Awwissu. | Agius |
| 09 | 9 | 9 | | Agius: *BBQ* | Agius qalet li ser jiġi organizzat *BBQ* fl-14 ta' Awwissu. | Agius |
| 09 | 9 | 10 | | Agius: Ġurnata Kemmuna | Agius qalet li din ser issir fil-25 ta' Awwissu. | Agius |
| 09 | 9 | 11 | | Chircop: *Treasure Hunt* | Chircop informa lill-Kunsill li ser issir fl-10 ta' Awwissu u l-Coca Cola ser ikun l-isponsor uffiċjali. Inġabru €2360 f'rigali. | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 9 | 12 | Chircop: *Animal Building* | Chircop qal li ser isir sezzjoni ta' *animal building* fil-25 ta' Awwissu mal-V18. | Chircop |
| 09 | 9 | 13 | Chircop: *Golden Oldies* | Chircop qal li ser issir serata mal-anzjani flimkien ma' Camilleri D. Id-data għadha ma ġietx deċiża. | Chircop |
| 09 | 9 | 14 | Chircop: Wirjiet f'Żejt iż-Żejtun | Informa lill-Kunsill li l-Grupp Filateliku ser itella' l-wirja bit-tema tal-Wirt Reliġjuż u fl-Arti u Artiġjanat ser titela' wirja dwar logħob tradizzjonali. | Chircop |
| 09 | 9 | 15 | Chircop: Parkeġġ ta' vetturi fi Triq il-Kostituzzjoni | Chircop ippropona li din għandha tiġi klirjata mill-karozzi waqt il-ħin tal-purċissjoni fil-festa. | Hales |
| 09 | 9 | 16 | Chircop: Dog park | Chircop irċieva suġġeriment sabiex jiġi ikkunsidrat li jsir dog park, issemew diversi żoni. | Sindku |

**09 10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Settembru 2018 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Maria Dolores Abela
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv